BIRGU
Citta' Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

7 ta' Lulju, 2010

## Minuti tal-laqgha 46(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 46(05) fil-Berga ta' Franza nhar l-Erbgha 21 ta' Lulju, 2010 fil-6:00 ta' filghaxija.

### Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku, u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera

Il-Kunsillier Ivan Peresso, kien skuzat, minhabba ragunijiet ta' xoghol.
Il-Kunsilliera Mirian Grech kienet skuzata, minhabba ragunijiet ta' sahha.

### Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha 45(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 2.1 (45/05) – Laqgha ta' l-Assocjazzjoni ta' l-Ibliet Storici fil-Mediterran fil-Birgu

Is-Sindku s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex issir laqgha ma' l-Onor. Dr. Mario DeMarco dwar il-possibilita li tinghata ghajnuna mil-Awtorita tat-Turizmu, sabiex tigi organizzata l-

laqgha ta' l-assocjazzjoni ta' l-ibliet storici fil-mediterran fil-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.2 Item 2.2(45/05) Fondazzjoni Tyr.
Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li kellhu laqgha mas-sinjura Reem Chalabi, ko-ordinatrici tal-Fondazzjoni Tyr. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar, jiehu hsieb l-organizzazzjoni tal-konferenza ta' din l-Assocjazzjoni huwa mahsub li ssir f'Malta li ser issir f'Lulju, tas-sena 2011. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3 Item 2.3 (45/05) Zjara ufficjali ta' l-Onor. Dr. Chris Said.

Is-Sindku, s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li z-zjara ufficjali ta' Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika li kellha ssir nhar il-Gimgha 16 ta' Lulju, 2010, giet ikkancelata u ser issir nhar il-Gimgha 13 t'Awwissu, 2010 fi 9 ta' filghodu. Is-Sindku heggeg lil Kunsilliera sabiex ikunu prezenti, liema laqgha ser issir fil-Berga ta' Franza.

## 2. Korrispondenza

2.1 Is-Sindku, s-sur John Boxall, ipprezenta ittra minghand is-Sur Stephen Spiteri, fejn talab lil Kunsill Lokali tal-Birgu ghajnuna finanzjarja sabiex s-Senglea Nursery thaddan fiha skola ta' l-ghawn u waterpolo. Wara diskussjoni, s-Sindku s-Sur John Boxall, qal li minhabba l-mod ta' kif giet emendata l-ligi tal-Kunsilli Lokali, l-Kunsill Lokali tal-Birgu mhux f'pozizjoni li jaghti ghajnuna finanzjarja lil din il-ghaqda.

2.2 Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-*kick-off meeting* tal-progett "SECRET", progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, ser issir bejn id-29 ta' Lulju u l-1 t'Awwissu, gewwa Agria, l-Grecja. Is-Sindku qal li ghal din il-konferenza ser jattendi flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sindku pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsilliera, Memo 101/2010 mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali ghal attenzjoni taghhom.

2.4 Is-sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li fil-25 ta' Ottubru, ser issir laqgha dwar il-progett "CWA – Sustainable development of the historic and cultural cities – Qualicities" gewwa Brussels. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex issir laqgha mas-sur Christopher Camilleri, sabiex dan il-progett jkun hu responsabli ghalih. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Ittra minghand il-Fondazzjoni OASI, sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jinnomina zghazugh/zaghzugha ghal Premju Zghazugh tas-sena 2010. Wara diskussjoni, s-Sindku

ssugerixxa sabiex il-Kunsill jinnomina lis-sinjorina Jana Karamastkos ghax xoghol volontorju li ghamlet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti li l-progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, l-progett "Qualicities for sustainable development" gie accettat.

## 3. Sitwazzjoni tal-Gnien Pubbliku Fuq tal-Hawli

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, tah rendikont tax-xoghlijiet pendenti inkonessjoni mal-Progett tal-Gnien Pubbliku Fuq tal-Hawli. Is-Sindku stqar li fil-prezent, il-Kunsill qieghed jsib diffikultajiet kbar sabiex jaghmel kuntatt mal-Perit responsabli min dan il-progett, il-Perit Duncan Mifsud, sabiex jigu solvuti l-affarijiet li hemm pendenti li qed jigu mitluba mill-entitajiet koncernati, b'mod partikolar mil-MEPA u mil-Kummissjoni ghal Persuni b'dizabilita..

## 4. L-attivita tal-BirguFest 2010

Is-Sindku s-sur John Boxall, tah rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru inkonessjoni ma' l-attivita tal-BirguFest 2010. Wara diskussjoni, s-Sindku s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex jigi nnominat is-sur Trevor Mizzi, sabiex jkun parti mis-sotto-kumitat ta' din l-attivita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 5. Jum il-Birgu 2010

Il-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar, ipprezenta *draft* tal-programm tac-celebrazzjonijiet ghal Jum il-Birgu 2010. Wara diskussjoni, il-kunsilliera prezenti qablu ma dak propost mil-Vici Sindku s-sur Christopher Cassar u gie ssugerit sabiex fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss, jigi diskuss, l-premju Gieh il-Birgu kif ukoll l-persuna li din is-sena ser taghmel d-diskors ta' din il-gurnata. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 6. L-izvillup taz-zona maghrufa bhala l-Glaziz

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera, li l-Kunsill ha d-devoluzzjoni ta' din l-area, u applika taht l-iskema Inizjattivi Premju Lokalitajiet Indaf sabiex issir it-tindif ta' 'din l-area. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 7. Decizjoni dwar it-tender ghax-xiri u installazjoni ta' generator ghal Berga ta' Franza.

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera prezenti li s-sejha ghat-tender ghax-xiri u installazjoni ta' generator ghal Berga ta' Franza ghalqet nhar il-Gimgha 9 ta' Lulju, 2010, u ghalija giet sottomessa applikazzjoni wahda, dik tal-kumpanija UNEC Ltd. ghal prezz ta' €17,199. Wara

diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex hekk kif ikollna l-approvazzjoni ta' Dr. Chris Said, ghal ispejjez involuti ghax-xoghlijiet tal-Berga ta' Franza, il-Kunsill ghandu japprova din t-tender. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8. <u>Decizjoni dwar l-applikazjoni ghas-servizz ta' *events co-ordinator* ghal attivita tal-BirguFest 2010.</u>

Is-Sindku, s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li din l-offerta ghalqet nhar il-Gimgha 9 ta' Lulju, 2010, u ghalija giet sottomessa applikazjoni wahda dik ta' Sanateck Ltd.ghal prezz ta' €55 fis-siegha ghal ewwel 30 siegha u mbghad ghal bqija tas-sighat €45 fis-siegha. Wara diskussjoni, s-Sindku qal li dan il-prezz mhux viabli ghal Kunsill Lokali tal-Birgu u b'dan il-prezz kkwotat, l-ispiza finali ser tkun wahda fenominali, u ghalhekk din l-offerta m'ghandix tkun ikkonsidrata. . Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 9. <u>Affarijiet Ohra.</u>

9.1 Is-Sindku ressaq ghal approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mil-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona sabiex din il-lista tigi approvata. Is-sur Christopher Cassar, Vici Sindku ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-7:20 ta' filghaxija

| | |
|---|---|
| Christine Bonello<br>Segretarja Ezekuttiva | ikkonfermati John Boxall<br>Sindku |